Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,357, 25 ta' Ottubru, 1996
Taqsima B

A.L. 193 ta' l-1996

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

Ordni ta' l-1996 dwar Tismija ta' Postijiet ta' Detenzjoni (Att dwar l-Immigrazzjoni)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 10(1) u (2), 22(5), 34(1) u 36(1) ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-Ministru ta' l-Intern u l-Ministru tal-Ġustizzja u Kultura għamlu dan l-ordni li ġej:–

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1996 dwar Tismija ta' Postijiet ta' Detenzjoni (Att dwar l-Immigrazzjoni). Titolu.

2. Il-postijiet imsemmija fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni huma b'dan dikjarati postijiet ta' detenzjoni għall-għanijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni. Tismija ta' postijiet.

SKEDA

(Artiklu 2)

Il-Kwartieri tal-Kumpless ta' *Special Assignment Group*, Ta' Kandja, limiti Siġġiewi.

Il-*lock up* fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana.

Il-*lock up* fl-edifiċċju tal-Qrati tal-Ġustizzja fil-Belt Valletta.

Il-post approvat ta' Kustodja mill-Pulizija fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex.

Il-post approvat ta' Kustodja mill-Pulizija fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

Il-post approvat ta' Kustodja mill-Pulizija fil-Port il-Kbir fil-Belt Valletta.